**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2018**

**Talba Nru: 478/2017PM1**

**Keith Galea**
**(KI Nru. 195679(M))**

**Vs**

**Jeremy Mangion u Maria Schembri u b'digriet datat 10 ta' Mejju, 2018 isem l-intimata gie korrett ghal dak ta' Maria Mangion Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 t'Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh s-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u erbghin euro u tmienja u disghin centezmi (€2248.98) rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghal spejjez dovuti ghal materjal fornut u mano d'opera ghal xogholijiet ezegwiti ta' dawl, ilma u drenagg gewwa l-fond 25, Sqaq numru 1, Triq Paola, Tarxien

fuq inkarigu tal-istess intimati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta gew inkorsi l-ispejjez relattivi jew gew ezegwiti x-xogholijiet imsemmija kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta datata 3 ta' Novembru, 2017 permezz ta' liema l-intimati wiegbu illi:

1. It-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenuti m'ghandhomx ihallsu s-somma msemmija (€2,248.98) fit-talba tar-rikorrenti u dan hekk kif qieghed jallega l-istess attur ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-attur, Keith Galea, ghandu jgib provi idonei in sostenn ghat-talba minnu promossa ;
3. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ma ezegwiex ix-xogholijiet kollha fil-fond 25, Sqaq Numru 1, Triq Paola Tarxien, u dan kif se jigi ampjament ippruvat fil-mori ta' din il-kawza.
4. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ra n-nota prezentata mill-attur waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu, 2018 flimkien mal-affidavits u d-dsatax (19) il-dokument anness maghha (a fol. 12 et. seq tal-process).

Ra li waqt l-istess seduta l-attur iddikjara li m'ghandux aktar provi x'jipproduci.

Ra li, waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018, it-Tribunal ordna l-korrezzjoni mitluba fl-isem tal-intimata b'dan illi l-istess isem gie jaqra 'Maria Mangion Schembri'.

Ra n-nota tal-intimati prezentata waqt l-istess seduta datata 10 ta' Mejju, 2018 u l-affidavits tal-intimati u ta' Angelo Schembri annessi mal-istess (a fol. 94 et. seq tal-process).

Sema' l-kontro-ezamijiet tal-attur u tal-intimata waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2018. Ra li waqt l-istess seduta l-avukat tal-attur irrinunzja ghall-kontro-ezami tal-intimat.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-mertu tal-kawza odjerna jikkoncerna kuntratt t'appalt moghti mill-intimati lill-attur fir-rigward tal-fond indikat fl-avviz konsistenti minn forniment ta' materjal u kif ukoll minn xoghol tal-idejn li kellu jigi imwettaq mill-attur ai fini li jigi mghoddi d-dawl u l-ilma fl-istess fond. Ghalkemm, permezz tal-eccezzjonijiet taghhom l-intimati jillimitaw ruhhom filli jghidu li huma m'ghandhomx ihallsu is-somma mitluba mill-attur ukoll ghaliex l-attur «*ma ezegiex ix-xogholijiet kollha fil-fond*» taghhom, permezz tax-xhieda taghhom huma jkomplu jissostanzjaw dawn l-eccezzjonijiet billi jippruvaw jargumentaw li l-attur dam hafna sabiex wettaq ix-xoghol li suppost kellu jitlesta fi zmien tlett xhur u li xi aspetti mix-xoghol hekk imwettaq ma kenux skont l-arti u s-sengha. Min-naha tieghu, l-attur jiddefendi l-bonta` tax-xoghol tieghu u jikkontendi li fl-ebda hin ma kien qabel ma' xi terminu ghat-tlestija tax-xogholijiet.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li, lilhinn mill-verzjonijiet moghtija mill-partijiet rispettivi, f'kazijiet bhal dawn fejn il-partijiet joffru verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, l-ahjar prova tista' biss tinstab biss f'dawk l-aspetti tal-provi oggettivi bhalma huma, f'dan il-kaz, l-ghadd konsiderevoli ta' emails skambjata bejn il-partijiet u ezebiti mill-attur u kif ukoll ir-rapport peritali ezebit mill-intimati fir-rigward tax-xogholijiet imwettqin mill-attur u kwantifikati permezz tal-istess.

Jibda sabiex jinghad illi l-intimati bl-ebda mod ma rnexxielhom jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li l-attur kien qabel li jwettaq ix-xogholijiet mitluba minnu fi zmien tlett xhur mill-inkarigu moghti lilu jew kif minnhom ukoll allegat entro xi terminu ulterjuri estiz sa Lulju, 2016. Aktar minn hekk, mill-provi jirrizulta ampjament car u lilhinn minn kull dubbju li fl-ebda hin ma' kien hemm xi qbil milhuq mal-attur li x-xoghol jitlesta entro xi terminu ta' zmien partikulari. Dan qed jinghad ghaliex jekk min-naha wahda l-intimata Mangion Schembri tixhed li kien proprju l-fattur ta' zmien li wassal lilha u lill-gharus taghha jaghzlu li jinkarigaw lill-attur bix-xoghol (« *Hu proprju ghal din ir-raguni li ghazilt lil Keith Galea u cioe` fuq il-bazi taz-0zmien li stess*

*ikkommetta ruhu ghalih* » affidavit tal-intimata a fol. 105 et. seq. tal-process), xejn minn dan ma jirrizulta mill-korrispondenza estensiva li kien hemm bejniethom kemm qabel kif ukoll waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet. L-intimata infurmat lill-attur li kienet ser taghmel uzu mis-servizzi tieghu permezz ta' *email* datata 5 ta' Dicembru, 2015 (a fol. 22 tal-process). Huwa car li din l-*email* ma taghmel ebda referenza ghal xi terminu ta' zmien. Lanqas ma ssir ebda referenza ghal xi terminu maqbul fl-*emails* sussegwenti b'tali mod illi anke wara li nqabez l-ewwel terminu allegat mill-intimati, il-korrispondenza bejn il-partijiet jidher li baqghet ghaddejja regolarment minghajr ebda accenn ghall-fatt li l-attur ma kienx ser izomm mat-terminu maqbul. Hekk ukoll ma jirrizulta minn imkien li, kif allegat mill-intimati, tali terminu gie imbaghad estiz ghal xi zmien ulterjuri. Huwa minnu li permezz ta' email datata 11 t'April, 2016 (fol. 45 tal-process) l-intimat kiteb lill-attur : « *skuzani qed naghgluk pero` l-process ha ftit aktar milli pjanajt mid-dehra u trid tifhem li ahna maghfusin fiz-zmien june 2017 ser nizzewgu nixtieq li jkun lest* » pero` f'dak il-kaz l-attur, permezz ta' *email* datata 13 t'April, 2016, cahad minnufih li kien hemm xi terminu li gie maqbul billi wiegeb espressament « *id-drabi li ltqajna qatt ma ssemmew dati u deadlines, dan ghalija kollu news* » (a fol. 45 tal-process). Huwa sinjifikanti li, anke minkejja din l-*email* cara daqs il-kristall, l-intimati baqghu ma kkontradicewx lill-attur bil-miktub dwar dan il-punt. Ir-raguni kienet tiddetta li jekk tassew, kif xehdet l-intimata, huma ghazlu li jinkarigaw lill-attur bix-xoghol proprju in vista tal-fatt li huwa kien dispost li jwettqu entro terminu qasir, referenza ghal dan it-terminu kellha tinsab jekk mhux fl-*email* li permezz taghha gie inkarigat l-istess attur f'xi *email* sussegwenti ghall-bidu tax-xoghol *multo magis* meta kollox kien jindika li x-xoghol ma kienx ser jigi kompletat entro z-zmien prefiss u l-istess attur kien diga` qed jichad li kien hemm xi ftehim dwar dati. Meta l-attur permezz tal-email tieghu datata 13 t'April, 2016 cahad kategorikament li kien hemm xi qbil dwar xi zmien, wiehed kien jippretendi li l-intimati iwiegbu billi jindirizzaw proprju dan il-punt u mhux billi jinjorawh. Kieku s-surreferit ma kienx wahdu bizzejjed, it-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghall-messaggi telefonici li ghaddew bejn l-attur u l-intimat fit-23 ta' Lulju, 2016 u l-ewwel t'Awwissu, 2016 (a fol. 43 tal-process) fejn l-intimat stess isaqsi lill-attur

« s*a meta tahseb li ikun lest ?* » (messagg datat 23 ta' Lulju, 2016) u jkompli « *keith sa nofs settembru ehlisli l-bitha pls* (…) ». Huwa car li hawn ukoll, kieku l-partijiet kienu tassew ftehmu dwar zmien perentorju ghat-tlestija tax-xogholijiet, l-intimat ma kienx ihoss il-bzonn li isaqsi lill-attur meta ser ikun lest, *multo magis* tenut kont tal-fatt li, skont il-verzjoni moghtija mill-intimati, fit-23 ta' Lulju, 2016 suppost li t-terminu originarjament maqbul kien diga` gie estiz u kien wasal biex jispicca. Hekk ukoll, il-verzjoni tal-intimati tinsab kontradetta mill-messagg mibghut mill-intimat lill-attur datata 1 t'Awwissu, 2016 permezz ta' liema l-intimata talab lill-attur ilestilu l-bitha "*sa nofs settembru*". Ulterjorment huwa indikattiv ukoll il-fatt li, permezz tal-affidavit tieghu (fol. 111 tal-process) missier l-intimata, ghalkemm jghid li fil-laqgha tal-5 ta' Dicembru, 2015 « *konna semmejna zmien li kellhom jitlestew ix-xogholijiet tad-dawl (elettriku)* », jibqa' ma jindikax iz-zmien li gie maqbul suppost fil-presenza tieghu u li kien tant centrali ghall-ghazla tal-intimati li jqabbdu lill-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li mhux minnu li l-partijiet kienu ftehmu li l-attur kellu jlesti x-xoghol entro terminu partikolari. F'dan ir-rigward, u mill-aspett prettament legali, jinsab deciz li « *fejn ma jkunx inghata zmien lid-debitur ghat-twettiq tal-appalt, u l-appaltant ikun irid li dan jigi ezegwit, huwa mehtieg l-appaltatur jinghata zmien specifiku b'att gudizzjarju qabel jista' jitqies hati ta'dewmien* » (art 1077 u art. 1130(2) tal-Kap. 16 u **Jesmar u Rita konjugi Valletta v. Patrick u Helen Grech deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-20 ta' Marzu, 2003).** Jirrizulta wkoll li l-intimati lanqas ma adoperaw din il-procedura qabel ma ghazlu li jitterminaw l-inkarigu moghti minnhom lill-istess attur.

Illi fir-rigward tal-allegati xogholijiet li ma sarux skont l-arti u s-sengha, it-Tribunal jirreferi semplicement ghar-rapport peritali datat 25 t'April, 2017 imhejji fuq inkarigu tal-istess intimati u permezz ta' liema l-istess perit kejjel ix-xoghol li kien lahaq wettaq l-istess attur. It-Tribunal jinnota li minkejja l-allegazzjonijiet kollha li jsiru mill-intimati f'dan ir-rigward, senjatament fir-rigward ta' ilma u dawl mghoddija vicin ta'

xulxin jew ta' pajpijiet mghoddija minn gol-*bricks* jew ilma u drenagg mghoddija flimkien, ir-rapport peritali ma jaghmel ebda accenn ghal dawn l-aspetti u anzi oltre milli jkejjel ix-xoghol kollu li sar mill-istess attur u jaghtih valur ta' €3129.30, ma jeskludix li oltre x-xoghol imwettaq minnu hemm xoghol iehor mhux inkluz fil-kejl tieghu u li gie eskluz ghax « *any additional work which was not requested, nor quoted for has been omitted* ». L-ebda parti ta' dan ir-rapport ma jindika li gew imwettqin mill-attur xi xogholijiet mhux konformi mal-arti u s-sengha u kwindi, tenut kont l-indole strettament teknika ta' dan l-aspett tal-kaz, it-Tribunal ihoss li ma jistax ragjonevolment u anke fuq bilanc ta' probabilita` jikkonkludi li kien hemm xi nuqqasijiet fix-xogholijiet imwettqin mill-attur fin-nuqqas ta' prova cara u teknika, anke jekk mhux mahlufa, f'dan ir-rigward perdipiu` min-naha tal-istess perit inkarigat mill-intimati.

Illi jifdal sabiex jigi determinat jekk l-attur huwiex gustifikat li jippretendi hlas fl-ammont mitlub minnu jew fl-ammont ridott indikat mill-istess perit tekniku. It-Tribunal itenni li ghalkemm l-intimati ghazlu li jressqu bhala prova dan ir-rapport peritali l-istess rapport baqa' mhux konfermat bil-gurament minn min hejjieh. L-intimati ghazlu li lanqas ma jressqu lill-perit tekniku Robert C. Vella li rrediga tali rapport bhala xhud f'dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra, kif inghad, l-istess rapport teniku ma jeskludix li jista' jkun hemm xoghol ulterjuri ghal dak imkejjel minnu u anzi jindika li, eskluz minn tali kejl huwa dak ix-xoghol li l-istess perit jindika li ma kienx jifforma parti mill-inkarigu jew mhux inkluz fil-*quote* mahruga mill-istess attur ("*work which was not requested, nor quoted has been omitted*"). F'dan ir-rigward l-attur stess iressaq il-kritika tieghu ghall-istess rapport peritali billi jindika f'dettall ezawrjenti permezz tal-affidavit tieghu kemm dak il-kejl li, skont l-istess attur, kien wiehed hazin u kif ukoll xogholijiet li ma gewx imkejla mill-perit tal-intimati oltre xoghol iehor li gie imkejjel imma ma giex imwettaq mill-istess attur (para. 24 tal-affidavit tal-attur a fol. 19 u 20 tal-process).

It-Tribunal jinnotta f'dan ir-rigward il-korrettezza tal-attur li sahansitra indika xogholijiet li gew erronjament imkejla mill-perit tekniku tal-intimati meta mhux suppost gew hekk imkejla favurih ghaliex ma gewx imwettqin minnu u b'hekk inaqqas dan l-

ammont mill-kejl tal-perit inkarigat mill-intimati. It-Tribunal jinnota wkoll li l-intimati ghazlu li semplicement jezebixxu r-rapport peritali mhux mahluf mill-perit taghhom u ma jressqux lill-istess perit bhala xhud taghhom f'dawn il-proceduri mhux biss sabiex jikkonferma l-kejl u l-bqija tar-rapport tieghu bil-gurament imma wkoll sabiex ifisser f'aktar dettall u jekk hemm bzonn jiggustifika d-diskrepanza li hemm bejn l-affidavit dettaljat tal-istess attur u l-kejl effetwat minnu. Ben a konoxxenza tal-fatt li l-attur kien qed iressaq il-kritika tieghu dettaljata ferm ghal tali rapport permezz tal-affidavit tieghu, l-intimati mhux biss naqsu milli jressqu lill-perit tekniku sabiex jiggustifika l-konkluzjonijiet tieghu jew, jekk hemm bzonn, ivarjahom fid-dawl ta' dak li jistqarr l-attur fl-affidavit tieghu imma l-intimata stess, in kontro-ezami, riskontrata b'tali diskrepanza wiegbet li: "*Qed issirli referenza ghall-affidavit tal-attur nghid li* ***ghalkemm jiena qrajtu ma nistax niftakar b'mod preciz li hemm xi referenza ghal fatt li l-Perit Robert Vella halla xi aspetti barra meta gie biex ikejjel sabiex jiddetermina x'kien ghad fadlilna nhallsu lill-attur.***" (enfazi mizjuda)

It-Tribunal isib allura li kien jinkombi fuq l-intimati li jippruvaw b'mod perswaziv u almenu fuq bilanc ta' probabilita` r-raguni ghall-eskluzjoni ta' xoghol mill-kejl effetwat mill-perit taghhom u, fl-istess hin, l-inkluzjoni ta' xoghol f'tali kejl meta tali xoghol ma kienx gie effetwat mill-attur. L-attur irnexxielu jissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqu permezz tal-affidavit dettaljat tieghu u kif ukoll permezz tad-dokumentazzjoni estensiva ezebita mal-istess. Mhux l-istess jista' jinghad mill-intimati fir-rigward tal-oggezzjoni imressqa minnhom ghall-mankat hlas tal-attur.

Illi, avut rigward ghas-surreferit, jekk min-naha taghhom l-intimati kienu qed jikkontendu li hlas ma kienx dovut ghal ix-xoghol sar tardiv, sar hazin u perdipiu` ma sarx kollu, kien certament jinkombi fuqhom li jippruvaw tali eccezzjonijiet almenu fuq bilanc ta' probabilita` u dana wara li l-istess attur ezawrixxa pjenament l-oneru imqieghed fuqu li jipprova l-ammont mitlub minnu b'mod dettaljat hafna. Hekk jinsab deciz li l-oneru tal-prova jinkombi dejjem fuq min jallega anke in materja ta' appalt:

"*Dan japplika kemm ghal fatti li fuqhom hija bazata l-pretensjoni attrici, inkluzi l-ispejjez, li allura ghandhom jigu pprovati mill-attur;* ***kif ukoll ghal dak allegat mill-konvenut li allura dan ghandu l-oneru tal-prova ta' dawn il-fatti u cioe' [1] li x-xoghol ma kienx komplut; u [2] li x-xoghol li fil-fatt sar kien sar hazin.***" (**Carmel Muscat v. George Borg** P.A. 22 ta' Frar, 2005 – enfazi mizjuda).

Tenut kont tal-kritika estensiva u dettaljata mahduma mill-attur permezz tal-affidavit tieghu fir-rigward ta' rapport peritali li, apparti li ma gie qatt mahluf kien qed jinghad li ma kienx korrett anke filli attribwixxa xogholijiet lill-attur meta dawn ix-xogholijiet ma gewx imwettqin minnu, l-inqas li setghu ghamlu l-intimati kellu jkun li jressqu lil tali perit bhala xhud taghhom biex jikkonferma tali rapport bil-gurament tieghu u jekk hemm bzonn jiddefendih u/jew jissostanzjah bi twegiba ghall-kritika imressqa mill-attur. Lanqas gew sodisfacentement indirizzati mill-intimati dawn l-aspetti dettaljati indikati fl-affidavit tal-istess attur permezz tal-kontro-ezami imwettaq lilu. It-Tribunal mhuwiex qed iwarrab ir-rizultanzi tal-kejl imwettaq mill-perit tekniku tal-intimati b'mod legger. Min-naha l-ohra ma jistax ma jigix ikkunsidrat li tali rapport gie sostanzjalment redatt fuq direzzjoni u informazzjoni moghtija lill-perit tekniku mill-istess klijenti tieghu. Perdipiu` dan l-istess rapport, ghalkemm kjarament kontestat f'aspetti partikulari tieghu, baqa' qatt ma gie mahluf minn min irredigieh u lanqas ma gie b'xi mod gustifikat anke wara li l-attur ikkontesta l-kontenut tal-istess b'mod dettaljat hafna u b'valuri li jkomplu jiggustifikaw it-talba tieghu sal-ahhar centezmu. Certament m'huwiex sufficjenti li, bi twegiba ghal dan, l-intimata tikkontendi li ma tiftakarx li kien hemm aspetti minn dan ir-rapport li kienu qed jigu serjament ikkontestati mill-attur proprju meta tali kontestazzjoni tikkostitwixxi proprju il-pern tal-kwistjoni odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li lanqas f'dan ir-rigward ma tirrizulta gustifikata l-kontenzjoni tal-intimati li m'ghandhomx ihallsu lill-attur l-ammont mitlub minnu. Kwindi it-Tribunal isib li l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu u li l-intimati huma debituri tieghu fis-somma mitluba.

Fir-rigward tal-imghaxijiet, dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimati tal-azzjoni odjerna.

Ghaldaqstant avut rigward ghas-surreferit it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-intimati ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn mitejn u tmienja u erbghin euro u tmienja u disghin centezmu (€2248.98) rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghal spejjez dovuti ghal materjal fornut u mano d'opera ghal xogholijiet ezegwiti ta' dawl, ilma u drenagg gewwa l-fond 25, Sqaq numru 1, Triq Paola, Tarxien fuq inkarigu tal-istess intimati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lill-intimati tal-azzjoni odjerna.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**